MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 852/1997/1

Joseph Mallia
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u s-Segretarju Amministrattiv

Illum 2 ta' Dicembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-13 ta' Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1988, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' Gunju ta' l-1987, ir-rikorrent sofra ngustizzja billi bdiet fil-konfront tieghu sensiela ta' "transfers" li kienu ghal kollox ingustifikati.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

1. Ir-rikorrent beda jahdem fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, fit-taqsima tad-drenagg, fis-sena 1978 bhala xufier "b'secondment" mill-Korporazzjoni Enemalta.

2. Fl-1987 huwa gie trasferit ghall-Garaxx tal-Gvern f'Hal-Kirkop, fejn ma kien jigi assenjat lilu l-ebda xoghol. Wara cirka sena u nofs gie mibghut jahdem fit-taqsima tat-tarmac fejn dam ftit xhur. Rega gie mibghut Hal-Kirkop ma jaghmel xejn sakemm f'Novembru ta' l-1989 ircieva struzzjonijiet biex imur mas-Secretary to Cabinet. Fl-1992 ir-rikorrent rega gie mibghut jahdem fil-Ministeru pero' wara ftit taz-zmien gie trasferit ghall-"Water Works Section" f'Rahal Gdid fejn ma kienx hemm post ta' xufier.

3. Illi b'rizultat tac-caqliq li huwa garrab kif fuq spjegat, ir-rikorrent mhux biss bata finanzjarjament izda wkoll fizikament, tant li marad b'qalbu. Huwa talab kemm il-darba , pero` inutilment biex jirritorna fil-Korporazzjoni Enemalta.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib il-prova dwarhom.

Ghalhekk huwa talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoi ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont xieraq li ma jeccedix is-somma ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tas-Segretarju Amministrattiv fejn wiegbu illi:

Illi r-rikorrent qatt ma kien impjegat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, izda kien effettivament gie sekondat mill-Enemalta b'effett mill-11 ta' Frar 1977.

Illi r-rikorrent dam taht il-kustodju tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ghall-fini tat-Tribunal bejn Mejju 1987 u Novembru 1989. F'dan il-perjodu skond ir-rikorrent, hu gie trasferit minn Hal-Kirkop ghal mat-tarmac Section u lura.

Illi rigward l-allegati trasferimenti jinghad illi dawn dejjem kienu trasferimenti nterni u skond l-esigenzi ta' l-istess Dipartiment.

Illi cirka f'Novembru 1989 hu gie trasferit ghal mas-Segretarju tal-Kabinett u fil-11 ta' Frar 1992, ir-rikorrent gie trasferit ghal mal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma.

Illi r-rikorrent ma sofra ebda forma ta' telf finanzjarju minhabba l-fatt li fis-snin li hu kien attaccjat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet baqa' xorta wahda jithallas mill-Enemalta taht il-kondizzjonijiet ta' l-istess Korporazzjoni. Anzi mis-sena 1989 beda jircievi paga ta' Lm38.22c meta haddiem ta' l-istess grad fid-Dipartiment kien jithallas Lm36.53c

Illi fejn ir-rikorrent allega li hu kien talab kemm il-darba biex jirritorna lura fil-Korproazzjoni, mid-dokumentazzjoni li tinsab fil-file personali tieghu jirrizulta li hu effettivament talab darba wahda biss cirka 1988 u wara li nghata l-liberta biex jirritorna, biddel fehmtu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob kumpens ghal transfers mhux gustifikati tul il-karriera tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Fix-xhieda tieghu huwa qal li beda jahdem mad-Dipartiment fl-1978 bhala xufier seconded mill-Korporazzjoni Enemalta. Fl-1987

wara l-bidla fil-Gvern gie trasferit ghal garaxx tal-Gvern f'Hal-Kirkop fejn ma kien qed jaghmel xejn. Xi sena u nofs wara ntbaghat mat-taqsima tat-tarmac fejn dam xi ftit xhur u rega' ntbaghat Hal-Kirkop ma jaghmel xejn. F'Novembru 1989 kien ghaddet mas-Segretarju tal-Kabinett Joseph Zammit fejn dam mieghu ghal xi zmien u fl-1992 rega' gie mibghut jahdem il-Ministeru u ftit taz-zmien wara gie trasferit fil-Water Works Department f'Rahal Gdid fejn ma kienx hemm post ta' xufier. Ir-rikorrent allega li dawn it-trasferimenti saru bi pregudizzju finanzjarju kbir peress illi tilef l-opportunita` li jahdem overtime kif kien jaghmel sa meta nbidel il-Gvern f'Mejju 1987. Biex jibkoroborawh fuq dan gab lil shabu fuq ix-xoghol John Lautier u Alfred Grech fejn ikkonfermaw illi r-rikorrent kien jaghmel hafna xoghol overtime maghhom meta kien xufier mas-sezzjoni tad-drenagg bejn 1978 u 1987. Dak iz-zmien ukoll kien mal-Perit Anthony Abela.

Fl-affidavit tieghu a fol 16 ir-rikorrent jghid illi talab diversi drabi biex imur lura Enemalta u kkontradixxa r-risposta ta' l-intimati fejn qalu li talab darba biss. Semma illi kien Principal Assistant Secretary ta' dak iz-zmien illi ma riedhux imur lura l-Korporazzjoni. Ir-rikorrent gab ukoll biex jixhed lil Joseph Zammit is-Segretarju tal-Kabinett fejn xehed li sar jaf lil Joseph Mallia meta kien id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghal xi tlieta jew erba' snin bejn l-1988 u 1991. Ir-rikorrent kien mieghu bhala driver, ghandu kliem ta' tifhir ghax-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent illi qal li dejjem qeda dmiru sew pero` ma kienx jiehu overtime minhabba sahhtu. Is-Sur Zammit spjega kif ir-rikorrent kellu xi kundizzjoni medika li minhabba fiha ma kienx jibaghtu fejn kien hemm hafna tarag. Meta r-rikorrent spicca minn mieghu s-Sur Zammit ma kienx gie kkonsultat u ma ntbaghtx iehor floku.

Il-Perit Anthony Abela a fol 34 xehed li r-rikorrent kien driver personali mieghu meta kien jahdem id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ghal dak illi huwa terminu jghid illi s-Sur Mallia baqa' mieghu sal-bidu tas-snin 80 u spicca b'mod normali kif spiccaw drivers ohrajn. Ma setax ikun li baqa' mieghu sa l-1987 peress li dak iz-zmien kien qeda' dmirijiet ohra bhala Assistent Direttur u allura tilef kull

kuntatt mar-rikorrent. Pero` sakemm kien mieghu kien jobdi u kien ta' l-affari tieghu.

Manuel Cortis in rapprezentanza tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici a fol 48 jghid fost affarijiet ohra illi huwa ma kienx jaf x'kienu l-ezigenzi tas-servizz li minhabba fihom inghata t-trasferimenti. Pero` zgur li ma rrizultalux li kien hemm xi telf finanzjarju min-naha tar-rikorrent. anzi kien jithallas aktar mid-drivers ohrajn impjegati taghhom. Pero` mill-file irrizulta li gie trasferit il-garage ta' Hal-Kirkop fis-17 ta' Marzu 1987 u terga darb'ohra f'Novembru 1989. Fl-ahhar ir-rikorrent kellu hafna skarigg meta kien mas-Sur Zammit u l-kundizzjoni fizika tieghu marret ghall-aghar minhabba t-trasferimenti li huwa garrab fuq ix-xoghol.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanti processwali t-Tribunal ma jidhirlux illi ngabu provi bizzejjed sabiex l-allegazzjoni tar-rikorrent illi saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu jew inkella li saru xi transfers mhux gustifikati tigi muvata. Jibda biex jinghad li hemm kunfuzjoni ghal dawk li huma dati ta' trasferimenti, l-aktar wahda li r-rikorrent joggezjona ghaliha hija t-trasferiment ghal garaxx tal-gvern wara l-bidla fl-amministrazzjoni fl-1987. Pero` mir-records jirrizulta illi gie trasferit l-ewwel darba fil-garaxx fis-17 ta' Marzu 1987 (fol 48) u cioe` qabel l-elezzjoni ta' l-1987 u rega' mar hemmhekk f'Novembru 1989 jigifieri aktar minn sentejn u nofs wara. Ma jidhirx li t-trasferimenti kienu daqshekk spissi. Fil-karriera tieghu mad-Dipartiment ir-rikorrent serva taht diversi personalitajiet fosthom il-Perit Abela li kien stabbilit mieghu u fi kliemu stess spicca b'mod normali kif spiccaw d-drivers ohrajn u ghand is-Sur Zammit ex-Segretarju tal-Kabinett fejn ghamel xi zmien mieghu u fi kliem is-Sur Zammit r-rikorrent ma kienx jiehu overtime minhabba sahhtu. Avolja kkwalifika din l-ahhar xhieda meta qal anki kieku kien japplika ghal overtime, ma kienux jaghtuhulu. Veru ukoll li ghal dak illi huwa motiv ghal trasferimenti ma rrizulta xejn la min-naha tar-rikorrent u lanqas ta' l-intimat. Manuel Cortis qed jixhed ghan-nom tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici qal illi mir-records

illi ghandu ma rrizulta xejn dwar il-motivi ghal trasferimenti u hu probabbli li dawn saru b'mod verbali, ghad li seta' jaghti xi dati meta r-rikorrent gie trasferit fil-garaxx tal-Gvern kif fuq inghad.

It-Tribunal jirrileva li mas-Servizz Pubbliku wiehed ghandu jistenna certa trasferimenti minn Dipartiment ghal iehor u l-istess mal-bidla fl-amministrazzjoni jkun hemm xi caqliq, tant hu hekk illi Alfred Grech u John Lautier ukoll jghidu li dak iz-zmien fl-1987, kien hemm hafna caqliq ta' Personnel, pero` ma jfissirx illi b'daqshekk dawn it-trasferimenti ma jkunux gustifikati jew inkella kien hemm xi skopijiet ulterjuri ghal tali movimenti. Jibqa' l-fatt li r-rikorrent kellu jippretendi certu caqliq fis-Servizz Pubbliku fejn huwa kellu jkun aktar produttiv fid-Dipartimenti lilu assenjat. Veru, jista' jaghti l-kaz illi sakemm isib postu, jkun f'postijiet fejn jaghti kontribut ftit jew kwazi xejn. Pero` wiehed ma jridx jinsa illi r-raguni ta' l-ingagg tieghu mas-Servizz Pubbliku kien dak ta' driver u bhala driver f'Malta hawn kemm trid. Jekk ghal xi raguni f'xi perjodu partikolari ma jkunx hemm xoghol ghalih hija haga naturali illi jintbaghat fil-garaxx tal-Gvern sakemm jistenna ordnijiet godda. Dawn dejjem gew u ntbaghat l-ewwel fit-taqsima tat-tarmac fejn imbaghad fl-ahhar spicca f'pozizzjoni prestiggjuza mas-Sur Zammit li sussegwentement sar Segretarju tal-Kabinett. Fl-ahhar gie trasferit fid-Dipartiment tal-Water Works f'Rahal Gdid. It-Tribunal ma jsib xejn straordinarju f'dawn il-movimenti u xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-intimati.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------